## 18 ta' Frar, 1955

### Imħallef:
### Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Emmanuele *versus* Charles sive Carmelo Grixti

## Danni f'Ħaġa Mogħtija għat-Tiswija jew għall-Bejgħ.

*Min jikkonsenja lil persuna oħra oġġett bl-inkarigu li ssewwihulu jew tbigħhulu, ma jistax, fil-każ li ma ssirx dik it-tiswija jew dak il-bejgħ, jirrifjuta li jieħu lura dak l-oġġett fuq il-motiv li l-parti l-oħra, fiż-żmien li l-oġġett kien għandha, għamlitlu ħsara li rrendietu inservibbli; imma hu obbligat jieħu lura dak l-oġġett fl-istat li jkun fih meta jiġi mitlub jirtirah, salv kull dritt tiegħu għad-danni.*

*Għaldaqstant, jekk hu jiġi azzjonat biex jiġi kundannat jirtira dak l-oġġett, hu ma jistax jikkumpensa li mhux obbligat jirtirah minħabba dik il-ħsara; imma għandu jirtirah, u jesperixxi l-pretensjoni tiegħu għad-danni, "si et quatenus", b'azzjoni separata.*

*Barra minn dan, huwa obbligat jirrimborża wkoll lill-parti l-oħra l-ispejjeż li din tkun għamlet in konnessjoni mal-konsenja li tkun saritilha ta' dak l-oġġett, kif ukoll kumpens talli l-oġġett ikun okkupalha spazju f'lokal tagħha.*

Il-Qorti;

Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara illi jiġu magħmula d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija dawk il-provvedimenti li għalihom ikun hemm lok, peress illi l-konvenut, ċirka ħames snin ilu, kien ikkonsenja lill-instanti, li huwa mechanic, motor-boat b'makna "Singer" b'sitt ċilindri, li kellha ħsara rilevanti, biex dan jeżaminaha, u jgħidlu x'riparazzjonijiet kienu neċessarji biex dina tista' tiffunzjona tajjeb; u billi, wara li l-attur kien irriferielu illi l-ispiża kienet kbira, il-konvenut qata' qalbu u għamel il-ħsieb li jbiegħha, u inkarika lill-attur biex jara jsibx ibiegħielu, imma dan il-bejgħ qatt ma seta' jsir, u dina l-motor-boat baqgħet fil-garage ta' l-instanti numru 22 Luqa Briffa Street, u mbagħad f'garage ieħor mingħajr numru St Edward's Street, it-tnejn il-Gżira, mill-bidu tax-xitwa tas-sena 1946 sal-lum;

u billi l-konvenut, non ostanti d-diversi interpellazzjonijiet bil-kliem, u bil-miktub per mezz ta' ittra uffiċjali tal-20 ta' Diċembru 1951, qatt ma ħa ħsieb biex jeħodha lura u jirtiraha mill-poter tal-attur, li ma jridx jibqa' inkarigat mill-kura li qiegħed jieħu għall-konservazzjoni tagħha, u dina qegħedha tokkupalu spazju rilevanti mill-garage tiegħu; talab li l-istess konvenut jiġi kundannat (a) illi jirtira a spejjeż tiegħu mill-poter tal-attur, fi żmien perentorju li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tipprefiġġilu, jiġifieri mill-garage li jinsab St. Edward's Street (mingħajr numru) il-Gżira, l-imsemmija motor-boat fl-istat illi hija tinsab fih; (b) illi jiġi kundannat iħallas dik is-somma li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiffissa, għal bżonn per mezz tal-opera ta' periti, bħala kumpens tant tal-okkupazzjoni ta' biċċa mill-garage minn dina l-motor-boat, u dan għaż-żmien li għadda mis-sajf tas-sena 1947 saż-żmien li tiġi ritirata mill-konvenut, kemm ukoll għal-ispejjeż illi l-attur għamel għat-trasport ta' dina l-motor-boat u għall-kura u konservazzjoni tagħha. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-20 ta' Diċembru, 1951, u bl-imgħaxijiet tal-ħamsa fil-mija (5%) minn dik il-ġurnata sal-pagament, kontra l-konvenut;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha ssottometta li hu kien ikkonsenja l-motor-boat lill-attur, wara li dan eżaminaha, biex ikun jista' jagħmlilha t-tiswijiet meħtieġa, li skond kif qal allura l-attur kienu ħwejjeġ żgħar; imma l-attur ittraskura dik il-motor-boat, ħalliha fl-arja aperta, fix-xita u fix-xemx, bla ma għamlilha l-meħtieġ; u issa, li rriduċa l-motor-boat f'ħaġa inservibbli, qiegħed jaġixxi b'dina l-kawża; l-eċċipjent għalhekk mhux biss jirrespinġi l-istanza, imma jżomm integra kull azzjoni għad-danni lilu kompetenti skond il-liġi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-perit legali, kif fuq assistit, wasal għall-konklużjoni (1) illi l-inkariku li kellu l-attur għat-tiswija tal-motor-boat kien ġie revokat u mibdul f'inkariku għall-beigħ; (2) illi l-attur għandu d-dritt li jikkostrinġi lill-konvenut jirtira l-motor-boat minn għandu, bla preġudizzju ta' kwalunkwe azzjoni, "si et quatenus", għad-danni li setgħu ġew kaġu-

nati fl-istess motor-boat għal kawżi imputabbli lill-attur; (3) illi l-konvenut għandu jħallas lill-attur is-somma ta' £4 tal-karru li għamel biex itella l-motor-boat l-art, però f'dan il-każ il-karru għandu jiġi konsenjat lill-konvenut; għandu jħallas ukoll £2. 10. lill-attur għat-trasport tal-motor boat mid-Dragunara għall-Gżira; (4) illi l-istess konvenut għandu jħallas lill-attur £8 fis-sena minn Ġunju 1949 għall-okkupazzjoni ta' parti mill-garage, kif ukoll għall-kura tal-istess motor-boat;

Illi l-Qorti, wara li eżaminat il-provi "hinc inde" prodotti, tħoss li għandha tadotta dawn il-konklużjonijiet;

Illi l-pretensjoni tal-konvenut, li mhux obligat jirtira l-motor-boat peress li l-attur, ħtija tiegħu, irrendih inservibbli minħabba l-ħsara li kkaġunalu, mhix sostenibbli; għaliex f'dina l-kawża, kif ċirkoskritta, mhux ġuridikament leċitu li jiġu aċċertati r-responsabilità u l-entità ta' dik il-ħsara. Għalhekk il-konvenut ma jistax jirrifjuta li jieħu lura l-motor-boat fl-istat li fih attwalment jinsab, salv kull dritt għad-danni, minnu esperibbli b'azzjoni separata, "si et quatenus". Dan il-prinċipju ġie mill-Qrati Tagħna applikat għall-każ ta' ħsara fi stabili mogħtija b'titolu ta' lokazzjoni (Kollez. XXIV-I-618; XXVIII-I-608; XXIX-I-sez. III-1571). U del resto, dina tidher ukoll il-fehma tal-konvenut, meta finnota ta' l-eċċezzjonijiet huwa qal li qiegħed iżomm integra kull azzjoni għad-danni lilu kompetenti skond il-liġi;

Illi, rigward l-ispejjeż, huwa xieraq li dawk tat-tieni domanda jiġu moderati, in vista tal-fatt illi l-attur talab il-kumpens mis-sajf tas-sena 1947, mentri huwa ntitolat għal dan il-kumpens mis-sena 1949;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' l-ewwel talba, billi tikkundanna lill-konvenut jirtira l-motor boat mill-poter ta' l-attur fi żmien ħmistax il- ġurnata mil-lum, salva lill-istess konvenut kull azzjoni lilu talvolta kompetenti skond il-liġi;

U tilqa' t-tieni talba, billi tikkundanna il-konvenut iħallas lill-attur (1) is-somma komplessiva ta' £6.10.0 għall-ispejjeż tal-karru u għat-trasport tal-motor-boat kif fuq speċifikat, salv lill-istess konvenut li jieħu lura l-imsemmi karru, u (2) il-kumpens ta' £8 fis-sena mill-ewwel ta' Ġunju, 1949,

sal-ġurnata li fiha l-konvenut ikun irtira l-motor-boat minghand l-attur; u dan bl-imgħax legali mil-lum;

L-ispejjeż relattivi għall-ewwel domanda jitħallsu kollha mill-konvenut, iżda dawk tat-tieni talba għandhom jiġu sopportati tnejn minn wieħed u għoxrin (2/21) mill-attur u l-bqija mill-konvenut.